MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 17

17 ta' Awwissu 2020

Minuti tas-seduta Nru. 17 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu permezz ta' Skype.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 16, li saret fil-21 ta' Lulju 2020, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Infurzar tar-regolamenti u Maniġġ ta' traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier

**(T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)**

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 6.14. tas-seduta preċedenti u fakkar li fis-seduta preċedenti ġie deċiż li għandu jintalab servizz ta' erba' siegħat fil-ġimgħa minn uffiċjali ta' Transport Malta fuq il-mutur, li jkun mifruxa fuq tliet xhur, wara li jiġu stabbiliti l-ispejjeż. Permezz ta' imejl datat 13 ta' Awwissu 2020, Transport Malta wieġbu li l-ispiża approssimativa hija €2,832.

2.1.3. Is-Sindku qal li l-ispiża tal-uffiċjali tal-infurzar hija projbittiva u għalhekk ikun jagħmel sens li l-Kunsill jinvesti fil-*cameras*.

2.1.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qabel li r-rata tal-ħlas hija pjuttost għolja, iżda xorta waħda ppropona li jkun hemm perjodu ta' prova bl-uffiċjali tal-infurzar ta' Transport Malta.

2.1.5. Il-Kunsillier I. Castillo qal li ndaga dwar il-possibiltà li jiġu nstallati *cameras* u rriżulta li biex jiġu nstallati tnejn, dawn jinvolvu spiża iniżjali ta' madwar €1,400 li ma tkunx tinkludi r-rata

tal-konnettività. Huwa qal li għandu jsir użu minn fondi li ma ntefqux fuq attivitajiet matul 2020.

2.1.6. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li sa seduta huwa jkun jista' jagħti rendikont tar-rispons li kien hemm mill-pubbliku dwar il-miżuri li qed jipproponi l-Kunsill bil-għan li tonqos il-konġestjoni fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.1.7. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex jintalab servizz permezz ta' uffiċjal wieħed fuq il-mutur fuq bażi ta' erba' siegħat fil-ġimgħa għal perjodu ta' xahar. Kien hemm qbil wkoll li għandu jsir kuntatt mal-LESA sabiex jiġi stabbilit sa' fejn jwassal l-involviment tagħhom f'dan ir-rigward.

### 2.2.1. *Junction* ta' Triq il-Marfa ma' Triq il-Qammieħ (T/3/3/Vol V)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saret rappreżentazzjoni ma' Transport Malta dwar is-suġġett. Dawn wieġbu li l-Awtorità taqbel mal-pożizzjoni addotata mill-Kunsill, iżda r-rimedju jrid jiġi mplimentat minn Infrastructure Malta. Projects Plus Ltd, li kellhom kopja tal-korrispondenza msemmija, għamlu kuntatt ma' Infrastructure Malta.

2.2.3. Il-Kunsill innota dan l-aġġornament.

### 2.3.1. Fuljett bl-attivitajiet marbuta mal-Festi ta' San Ġużeppp u l-Vitorja (F/2/Vol VII)(F/2/Vol VIII)

2.3.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li fid-dawl tar-restrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet tas-saħħa fis-17 ta' Awwissu 2020, u kkummenta li ma jarax l-iskop li jsir l-istampar tal-fuljett imsemmi bl-attivitajiet marbuta mal-festi titular fil-Mellieħa u l-Manikata. Kompla jgħid li l-attivitajiet marbuta mal-Festa tal-Vitorja ser ikunu ridotti għal funzjonijiet reliġjużi fil-Knisja Parrokkjali u fil-Bitħa tas-Santwarju, flimkien man-nar tal-ajru.

2.3.3. Is-Sur D. Vella qal ukoll li għar-raġunijiet imsemmija wkoll m'hemmx skop li ssir laqgħa mal-Pulizija tad-Distrett u l-għaqdiet involuti fl-organizzazzjoni tal-Festa tal-Vitorja, għajr li jkun hemm preżenza tal-pulizija f'Misraħ il-Parroċċa u fi Triq Ġnien Ingraw.

2.3.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

### 2.4.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 3.1.1. tas-seduta preċedenti u staqsiet dwar jekk kienx hemm żviluppi minn naħa tal-iżviluppatur rigward il-ftuħ mill-ġdid tat-taraġ imsemmi.

2.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-taraġ għadu magħluq u jidher li għad hemm xogħol xi jsir qabel dan jinfetaħ. Minkejja dan huwa ser jerġa' jistaqsi fiex wasal ix-xogħol fuq il-bini tal-ħajt li jrid iżomm it-taraġ.

### 2.5.1. Kuntratt dwar it-tindif ta' toroq mhux urbani (T/4/6/Vol IV)

2.5.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.14.3. tas-seduta ta' qabel u għarrfet fit-12 ta' Awwissu 2020 saret laqgħa mal-kuntrattur konċernat fil-preżenża tas-Segretarju Eżekuttiv. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil li filwaqt illi għalkemm il-kuntrattur għandu jittratta żona żona f'dak li huwa qtugħ ta' ħaxix, għandu jkun flessibbli biex ma jħallix barra postijiet li jridu jiġu trattati fil-ġurnata tagħhom. Ġie miftiehem ukoll illi ż-żona li tkun qed tiġi trattata għandha tiġi ppubblikata fil-medja soċjali u s-sit elettroniku tal-Kunsill, bil-għan li anke l-kuntrattur ikun kommess mal-pubbliku li jonora l-obbligi tiegħu. Fost il-postijiet li għandhom jiġu trattati kull ġimgħa ssemmew: Triq Selmun (it-Tlieta u l-Ġimgħa); Il-Miżieb (*picnic area*), ż-żoni għall-ikkampjar tal-Aħrax, u Għajn Tuffieħa, li jridu jsiru nhar ta' Tnejn.

2.5.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**2.6.1. Ġbir ta' skart domestiku minn Triq id-Deru (K/6/2/Vol V)(K/6/11)**

2.6.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.11.1. fil-minuti tas-seduta ta' qabel u għarrfet li fit-3 ta' Awwissu 2020 saret laqgħa mal-iżviluppatur tal-blokka Southridge ta' Triq id-Deru u mal-kuntratur tal-iskema GreenPak, li hija nkarigata mill-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Għall-istess laqgħa attendew ukoll is-Sindku D. Vella u s-Segretarju Eżekuttiv C.Debono. Kompliet tgħid li l-kuntrattur wera li lest jidħol fil-binja biex jiġbor l-iskart riċiklabbi.

2.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-kuntrattur ittieħed fuq il-post mill-iżviluppatur u wara kkuntattjaħ biex jiġbed l-attenzjoni li s-servizz imur lill'hinn minn dak li huwa obbligat jirrendi skont il-ftehim li għandu mal-GreenPak, u għalhekk jitlob ħlas addizzjonali li ma ġiex kwantifikat minn naħa tiegħu.

2.6.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

**2.7.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)**

2.7.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuti 5.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-proġett tal-*Outdoor Gym* fil-Park tal-Familja mhuwiex eliġibbli taħt l-iskema msemmija. Kompla jgħid li fiċ-ċirkostanzi jkun aħjar jekk issir attività fl-2021 permezz ta' applikazzjoni ġdida.

2.7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.8.1. Ftuħ mill-ġdid taċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva u l-Iskema tal-LESA (E/3/1/11/Vol II)(F/1/7/Vol V)**

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuti 5.10.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kkonċediet li l-fondi mhux minfuqa fuq ħarġiet kulturali li tħassru minħabba r-restrizzjoni tal-Covid-19, jistgħu jintużaw sabiex jiffinanzjaw is-sessjonijiet tal-pilates li jsiru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Korsijiet offruti mill-MCAST (K/1/3/Vol II)**

2.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.20.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-laqgħa għall-ġenituri dwar il-korsijiet tal-MCAST saret fit-30 ta' Lulju 2020.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Servizzi fil-komunità mill-Aġenzija Sapport (K/1/3/Vol II)**

2.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.25.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li fis-7 ta' Awwissu 2020 kellha laqgħa mas-Sinjorina Ruth Micallef mill-aġenzija Sapport dwar is-servizz intiż sabiex itejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-familjari li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilità. Ġie spjegat li għal dan il-għan jista' isir użu mill-Park tal-Familja li jinvolvi mit-Tnejn sas-Sibt.

2.10.3. Il-Kunsill approva l-proposta sakemm il-ħidma titwettaq waqt il-ħinijiet normali tal-kustodju nkarigat mil-Park.

**2.11.1. Imblukkar tal-aċċess bil-vetturi għall-inħawi tal-Blata (T/3/2/Vol VX)**

2.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna għall-minuta 5.18.1. tas-seduta preċedenti u kkummentat li hija ma taqbilx li jsiru *crash barriers* jew xi struttura simili f'postijiet rurali, bħalma sar f'Għajn Żnuber, bil-għan li ma jinstaqux vetturi *offroad* fl-inħawi tal-Blata fil-limiti ta' Selmun, fejn hemm is-salini tal-melħ. Dan hija qalitu minħabba l-impatt viżwali.

2.11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li s-soluzzjoni tal-*crash barrier* applikata f'Għajn Żnuber tista' ma tkunx effettiva fil-każ tal-Blata, peress li ż-żona hija aktar miftuħa, u aktarx illi s-sewwieqa ta' vetturi jifthu aċċessi oħra. Apparti dan, jeżistu bdiewa li għandhom raba fl-inħawi li jeħtiġilhom jidħlu bil-vetturi u l-inġenji tagħhom. Is-Sur C. Debono aċċenna li l-istess problema inqalgħet meta sar attentat sabiex l-aċċessi għall-Park tal-Majjistral jingħalqu permezz ta' xtiebi.

2.11.4. Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tkompli tiġi segwita flimkien mal-Awtorità tal-Artijiet.

**2.12.1. Ġbir tal-ħġieġ bieb-bieb** **(K/6/11)**

2.12.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-ċirkulari datata 28 ta' Awwissu 2020 fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li b'effett mill-1 ta' Settembru 2020, il-Wasteserv (Malta) Ltd, mhux ser tibqa' tiġbor il-ħġieġ bieb-bieb li ma jkunux fil-kontenituri li tqassmu minnha stess, jew li jista' jerġa' jintuża.

2.12.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li din il-miżura qed tittieħed sabiex ma jkunx hemm kontaminazzjoni tal-ħġieġ u l-ispejjeż li qed ikun hemm biexjiġi sseparat il-ħġieġ mil-kartun jew il-plastik.

2.12.3. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li din il-miżura tingħata pubbliċità fuq il-media soċjali u s-sit elettroniku tal-Kunsill.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. *Adventure Race 2020* organizzata mill-Agones SFC** **(S/6/Vol VI)**

3.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.5.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk l-attività msemmija li kellha ssir fit-30 ta' Awwissu 2020, hijiex ser issir, jew le.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li sad-data tas-seduta ma kienx hemm ebda komunikazzjoni mal-organizzaturi, għajr l-imejl tal-10 ta' Lulju 2020.

**3.2.1. Ħsara fil-ħajt tat-triq quddiem il-*boathouses* fix-Xatt ta' Santa Marija** **(T/4/4/Vol II)**

3.2.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.24.1. u staqsa dwar jekk kienx hemm xi rispons minn Infrastructure Malta dwar it-tiswija tat-triq bejn is-Sezzjoni A u B tal-*boathouses* imsemmija.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li permezz ta' tweġiba mogħtija fil-11 ta' Lulju 2020, Infrastructure Malta wieġbu li t-tiswijiet in kwistjoni jaqgħu fir-responsabiltà tal-Kunsill Lokali. Kompla jgħid li din it-tweġiba tmur kontra l-proviso tal-Artiklu 33(a) tal-Att Dwar Gvern Lokali, illi jipprovdi li l-manutenzjoni li huwa responsabbli għaliha l-Kunsill Lokali tinkludi t-tiswija tal-irqajja' u l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha.

3.2.4. Apparti dak li ntqal fil-minuta preċedenti s-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li kien hemm il-fattur tax-xogħlijiet li saru minn kuntrattur mqabbad mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, li għalkemm it-triq kienet saritilha ħsara qabel, kompliet tiddeterjora bit-trinka li saret wara għall-main tad-drenaġġ.

3.2.5. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**3.3.1. Manutenzjoni tal-Moll fil-Marfa** **(X/1/5)**

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar min huwa responsabbli mill-moll tal-Marfa peress li jeħtieġ manutenzjoni kemm fil-wiċċ tal-konkos, kif ukoll il-lanterni li kien hemm miegħu ilhom żmien twill ma jiffunzjonawx.

3.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-manutenzjoni tal-mollijiet taqgħa fir-responsabilità ta' Transport Malta u ser jara li jgħaddi dan l-ilment lilhom.

### 3.4.1. Tqegħid ta' madum ornamentali f'turġien pubbliċi (P/4/17)

3.4.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar staqsiet dwar il-possibiltà li turġien pubbliċi fil-qalba urbana tal-lokalità jiġu mżejna b'madum ornamentali sabiex titneħħa d-dehra tal-konkos.

3.4.3. Inġibdet l-attenzjoni li dan jitlob permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, partikularment jekk ikun jinvolvi ż-Żona tal-Konservazzjoni Urbana (UCA).

### 3.5.1. Passaġġ bejn Triq Dun Franġisk Sciberras u Triq il-Marfa (R/2/3)

3.5.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li l-passaġġ imsemmi huwa miksi biż-żrar tal-qawwi u qed jispiċċa fit-taraġ jew fuq l-asfalt tat-triq.

3.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li meta sar ir-restawr tat-taraġ, l-intenzjoni kienet li l-passaġġ jiġi pavimentat, iżda l-Kunsill ġie mwaqqaf milli jagħmel dan, peress li kien hemm kontestazzjoni dwar jekk dan huwiex pubbliku jew privat.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 14/08/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 09/06/20 – 24/07/20
- Skeda ta' Pagamenti – 20/07/20 – 14/08/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Inċident dwar allegat korriment fl-Armier (D/5/Vol II)

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li saret talba minn mara li f'inċident li ġara fis-16 ta'Mejju 2020, weġġgħet wara li sieqha daħlet f'xaqq bejn il-konkos quddiem il-Mambo Lido, fl-Armier. L-istess persuna ttieħdet l-isptar u rriżulta li kellha ksur f'riġlejha. L-istess persuna qed titlob li l-Kunsill jillikwida d-danni li sofriet. L-avukat tal-Kunsill u l-kumpanija tal-assikurazzjoni ġew infurmati bit-talba. Il-konsulent legali tal-Kunsill staqsa lill-avukat tal-persuna li qed tagħmel it-talba sabiex jikkwantifikata t-talba. It-tweġiba mogħtija kienet li din hija madwar €9,000. Jirriżulta wkoll li l-pjattaforma tal-konkos fejn sar l-inċident ma saritx mill-Kunsill.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jirribatti din it-talba abbażi tal-fatt li r-rampa ma saritx mill-Kunsill u lanqas kienet awtorizzata minnu.

### 5.2.1. Wirja tal-arti mtella' minn Art Club 2000 (S/6/Vol IV)

5.2.2. Saret referenza għal ittra datata 27 ta' Lulju 2020, mibgħuta mill-Art Club 2000, fejn intqal li l-għaqda ser torganizza wirja ta' arti kollettiva f'forma ridotta fi Triq San Publiju. Appellaw sabiex il-Kunsill jipparteċipa billi jipprovdi l-*boards* meħtieġa.

5.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi fl-ispirtu tal-artiklu 63A u 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 5.3.1. Ipparkjar fi Triq id-Deru (T/3/2/Vol XV)

5.3.2. Sar aċċenn għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 13 tal-5 ta' Mejju 2020, dwar proposta sabiex isiru linji sofor doppji fit-triq imsemmija, minħabba illi l-waqfien ta' vetturi qed jimblokka l-karreġġjata. Il-Kunsill kien qabel li r-residenti għandhom jiġu kkonsultati

dwar x'arranġamenti għandhom jiġu ntrodotti, u għaldaqstant tqassmu 150 kwestjonarju lir-residenti tal-blokka "Southridge" u r-riżultat tiegħu kien kif ġej:

| **Mistoqsijiet** | **Jaqblu** | **Ma jaqblux** | **Ħallewha vojta** | **Total** |
|---|---|---|---|---|
| Taqbel li l-parkeġġ fi Triq id-Deru jiġi kkontrollat minn linja waħda safra fuq kull naħa, fejn wieħed jista' biss jgħabbi jew iħott minn vettura u jitlaq? | 22 | 1 | 1 | 24 |
| Taqbel li l-parkeġġ isir fuq naħa waħda tat-triq biss? | 3 | 16 | 5 | 24 |

5.3.3. Għalkemm kien hemm numru sostanzjali ta' sidien ta' appartamenti li ma rrispondewx, il-Kunsill qabel li għandu jsir kif ipproponiet il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu, ossija li ssir linja waħda safra fuq kull naħa ta' Triq id-Deru. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

## 5.4.1. Ġbir ta' skart domestiku mill-Qammieħ **(K/6/2/Vol V)**

5.4.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 15 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ilment li sar minn resident fi Triq il-Qammieħ illi talab sabiex l-iskart domestiku jinġabar minn wara l-bieb tad-dar tiegħu, kif isir f'żoni urbani.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li, kif kien maqbul ittieħed parir legali, fejn intqal li s-servizz ta' ġbir tal-iskart domestiku huwa wieħed mil-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali, u l-liġi li tirregola dan hija klawżola 33(1)(b) tal-Kap 363, u tgħid:

*33.(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*

*(b) fir-rigward ta' kwalunkwe triq, li tipprovdi l-knis, tindif u qtugħ ta' ħaxix ħażin, tindif ta' sinjali stradali u dwal stradali, <u>il-ġbir u t-tneħħija ta' kull skart,</u> iż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni u ż-żamma tal-konvenjenzi pubbliċi kollha, tal-bramel taż-żibel u ta' reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju u għall-ġbir ta' skart <u>u li taċċerta li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti.</u>*

Rigward liġi li tikkonċerna ġbir tal-iskart domestiku, bħal dak li jikkonċerna l-ilment in kwistjoni, l-avukat irrefera għat-tifsira fil-liġi ta' "skart jew żibel domestiku", li kif jingħad f' L.S. 363.39 jirreferi għal "*kull skart li ma huwiex skart jew żibel kummerċjali u/jew industrijali, iżda skart tad-dar mormi minn postijiet ta' abitazzjoni magħduda appartamenti jew djar residenzjali*"; u għalhekk huwa dak li għalih sar dan l-ilment mir-resident.

L-istess liġi tindika illi t-tifsira ta' *"bin on wheels*" bħala: reċipjent fuq roti li jingħalaq b'għatu, provdut mill-Kunsill, jew taħt l-awtorità tiegħu u mqiegħed f'post pubbliku fil-konfini tal-Mellieħa, <u>għar-rimi ta' skart domestiku</u>, iżda ma jinkludix skip;

Għalhekk, mit-tifsira ta' l-istess *bin on wheels* fil-leġislazzjoni sussidjarja, l-avukat spjega li l-iskop ta' l-istess *bins on wheels* kien li jkopri ir-rimi ta' skart domestiku, għalhekk permezz ta' dan il-Kunsill ikun qiegħed jaqdi il-funzjoni tiegħu li tikkonċerna is-servizz ta' ġbir tal-iskart domestiku, kif mitlub skont il-Kap 363, naturalment, dan sakemm ikun aċċessibbli għar-resident, kif inhu l-każ.

5.4.4. Il-Kunsill innota l-parir legali u qabel li tingħata tweġiba fuq l-istess linji.

### 5.5.1. Nominazzjonijiet għal premjijiet Anzjanità Attiva (N/1/Vol II)

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li permezz ta' imejl datat 11 ta' Awwissu 2020, il-Bord tal-għażla fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità għarraf li ser jikkonsidra nominazzjonijiet għall-premju msemmi, sat-30 ta' Settembru 2020, li ser ikun imqassam taħt il-kategoriji li ġejjin:

- Premju Anzjanità Attiva
- Premju Anzjanità Akkademika
- Premju Anzjanità Sportiva
- Premju Koppja Miżżewġa
- Premju Mudell Ideali
- Premju Anzjanità Kulturali
- Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali
- Premju Anzjanità Attiva Fid-djar Residenzjali
- Premju għan-Nanniet tas-Sena

5.5.3. Kien hemm qbil li kriterji għandhom jiġu mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex is-suġġett jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

### 5.6.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Wilġa (T/3/2/Vol XV)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Awwissu 2020 mibgħut minn Transport Malta, fejn intqal li qed tinħass il-ħtieġa ta' *speed humps* fil-parti tat-triq imsemmija fejn hemm il-pompa tad-drenaġġ, qabel il-junction ma' Triq il-Kappella tal-Militar / Triq il-Manikata / Trejqet il-Ħarrub. Dan minħabba li din it-triq saret traffikuża ħafna, partikularment fi tmiem-il ġimgħa.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li ssir *speed hump* fil-post indikat, anke minħabba li mhemmx residenti f'dik iż-żona li jistgħu jikkawżalhom inkonvenjenzi bil-ħsejjes li jiġġeneraw.

### 5.7.1. Użu temporanju tas-sala tal-Kunsill bħala Ċentru Anzjanità Attiva (A/1/2/Vol VII)

5.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal imejl datat 11 ta' Awwissu 2020, fejn id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, għarraf li minħabba l-arranġamenti li saru b'rabta mal-Covid-19 iż-żjarat f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa ser ikollhom jsiru fil-parti fejn hemm iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, fi *cubicles* armati apposta. Dan qed joħloq diffikultajiet kemm għall-membri tal-AAC, kif ukoll għar-residenti u l-qraba tagħhom. Għaldaqstant appellaw lill-Kunsill sabiex jospità is-sessjonijiet fis-sala tiegħu, kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn | *Aerobics* | 08:00 -10:00 |
| It-Tlieta | Tombla / *Keep Fit* | 09:30 – 12:15 |
| L-Erbgħa | *Tai Chi* | 08:00 – 11.00 |
| Il-Ħamis | Tombla /*Keep Fit* | 10:00 – 12:15 |
| Il-Ġimgħa | *Pilates / Line Dancing* | 09:00 – 12:00 |

5.7.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li jkun jagħmel aktar sens jekk iċ-Ċentru jiġi rilokat fid-daħla tal-berġa u hekk ikun baqa' fl-istess bini. Hija aċċenna li t-talba saret fil-11 ta' Awwissu u għalhekk staqsiet dwar jekk is-Sala tal-Kunsill hijiex addatata biex jiġi osservat il-protocol indikat mill-awtoritajiet tas-saħħa fis-17 ta' Awwissu 2020.

5.7.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjonigħall-użu tas-Sala tal-Kunsill *per se`*, iżda ddeċieda li għandha tiġi esplorata l-alternattiva skont il-minuta 5.7.3. aktar 'il fuq.

### 5.8.1. Mellieħa SC Futsal (S/6/Vol IV)

5.8.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 15 tat-30 ta' Ġunju 2020, fejn it-tim imsemmi staqsa dwar il-possibilità li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jgħin fix-xiri ta' ħwejjeġ li jintlibsu waqt il-logħob. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' imejl datat 4 ta' Lulju 2020, il- Mellieħa Sports Club MSC ikkonfermaw li t-tim huwa affiljat fl-istess klabb.

5.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jassisti sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300, u dan fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

### 5.9.1. Konferenza dwar il-Pulizija tal-Komunità (P/9/4)

5.9.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-konferenza msemmija li saret fil-Fgura fit-30 ta'Lulju 2020. Huwa qal li din kienet indirizzata mill-Ministru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali – l-Onor. Byron Camilleri li tenna l-intenzjonijiet tal-Gvern li jifrex il-kunċett tal-Pulizija tal-Komunità f'lokalitajiet oħra, wara li twettaq proġett pilota fil-Mellieħa. Il-konferenza kienet indirizzata mill-Kummissarju tal-Pulzija s-Sur Angelo Gafà u Dr Gordon Sammut mill-Università ta' Malta li ta informazzjoni li ħarġet minn sondaġġ li sar fost ir-residenti tal-Mellieħa. Is-Sindku qal li huwa għamel diskors qasir dwar l-esperjenza tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa wara li dan il-kunċett ġie inawgurat fil-Mellieħa f'Awwissu 2019. Flimkien ma' uffiċjali għoljin fil-Korp tal-Pulizija kien hemm diversi Sindki u Kunsillieri mil-lokalitajiet fejn huwa ppjanat li jiġu ntrodotti l-pulizija tal-komunità. Attendew ukoll il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u K. Buttigieg.

5.9.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar x'ser jiġri mill-għassa, peress li ġie osservat li din ilha għal xi żmien magħluqa.

5.9.4. Is-Sindku qal li l-istrateġija attwali tal-Korp hija li jkun hemm aktar uffiċjali fuq barra milli jagħmlu xogħol tal-uffiċċju. Għaldaqstant ix-xogħol ta' natura klerikali ser jibda jsir minn skrivani pajżana.

5.9.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Xogħlijiet fil-Batterija ta' Westreme (P/10/30)

5.10.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna li x-xogħol fuq ir-restawr minn barra tal-binja msemmija tkompla wara li sar kampju tat-tikħil tal-ħitan li ġie spezzjonat mill-uffiċjali tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Huwa qal ukoll li ser jinkera *container* sabiex jitqiegħdu fiħ l-affarijiet kollha li ser jinżammu fil-mużew sakemm isir ix-xogħol fuq ġewwa.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.11.1. *Litter bins* kbar (L/5/Vol II)

5.11.2. Is-Sindku għarraf li l-Cleansing and Maintenance Department ser jissupplixxi sitt *litter bins* biex jitpoġġew fil-postijiet li ġejjin:

- Triq Selmun fejn il-Park tal-Familja;
- Triq il-Kbira k/m Triq in-Naħal;
- Triq il-Kbira k/m Triq il-Qalb Imqaddsa;
- Dawret it-Tunnara k/m Triq il-Marfa;
- Triq il-Marfa k/m Triq it-Trill; u
- Triq il-Marfa man-naħa taċ-Ċens.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. Ingombru fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5)

5.12.2. Is-Sindku D. Vella kkummenta li s-*slipway* qed tkun inġumbrata b'vetturi pparkjati bl-addoċċ minkejja li hemm il-marki tal-karreġġjata.

5.12.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrimarka li l-problema ġejja wkoll minn dgħajjes żgħar *(tenders)* li jitħallew fuq il-moll minn sidien ta' opri li jkunu rmiġġjati fil-baħar.

5.12.4. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li għandu jikkonsidra l-installazzjoni ta' sistema CCTV.

## 5.13.1. B*ins* għall-*filters* tas-sigaretti (L/5/Vol II)

5.13.2. Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm kwantità ta' *filters* tas-sigaretti mal-pjattforma tal-konkos li hemm bejn biswit Triq il-Marfa bejn il-Moll tat-Tunnara u Dawret il-Mellieħa. Għaldaqstant hija pproponiet li jitwaħħlu żewġ *cigarette bins* għall-perjodu tas-sajf li jinqalgħu fi tmien l-istess staġun.

5.13.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.14.1. *Cats' Eyes* fi Triq il-Mellieħa (T/3/2/Vol XV)

5.14.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li toroq użati mit-traffiku li mhumiex imdawwla bil-lejl, bħalma huma Triq il-Wilġa u Triq il-Mellieħa għandhom ikunu mgħammra bil-*cats eyes* sabiex ikunu jidhru m'mod ċar it-truf tal-karreġġjata.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li t-toroq imsemmija għandhom jiġu trattati gradwalment minħabba l-ispiża li jinvolvu.

## 5.15.1. Żamma tal-qtates imsewwija *(neutered)* (A/9

5.15.2. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna għall-fatt li l-proġett tal-LC Care dwar faċilitajiet għall-qtates li jkunu ġew imsewwija (neutered) fil-Park tal-Familja, issa jinsab wieqaf minħabba d-dewmien li kien hemm fil-ħruġ tal-permess minn naħa tal-Awtoritajiet tal-Artijiet. Huwa apppella sabiex jiġi allokat aktar spażju fl-iżiezet f'Selmun, sabiex jinħoloq aktar spazju għal din l-inizjattiva.

5.15.3. Kien hemm qbil li għandha ssir żjara fuq il-post u l-Kunsillier M. Abela jirrapporta sas-seduta li jmiss.

## 5.16.1. Miżura 3 -Fond AgrikoluEwropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/38)

5.16.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li fit-8 ta' Awwissu 2020 huwa attenda seminar informattiv dwar il-miżura msemmija li hija intiża għall-promozzjoni tal-wirt kulturali. L-għan ġenerali tagħha hu li tinvesti fil-kummerċ u l-promozzjoni tal-wirt kulturali u naturali uniku taż-żoni rurali bħala mezz biex tkompli tiżviluppa l-prodott turistiku. Il-benefiċċjarji jistgħu jingħataw sa massimu ta' €10,000, u sa €18,000 f'każ li l-proġett jiġi abbinat ma' xi inizjattiva oħra.

5.16.3. B'mod konkret, is-Sur K. Buttigieg issuġġerixxa li tiġi żviluppata *mobile app* li tiffunzjona permezz ta' *QR Codes* fejn beni storiċi li jiffurmaw parti minn *heritage trail*. B'hekk ikun jista' jingħata tagħrif storiku fuq l-post lit-turisti li jkunu niżżlu l-app fuq it-telefon ċellulari, jew i-pad tagħhom. Is-sejħa fetħet fl-14 ta' Awwissu 2020 u s-sejħa ser tkun tagħlaq sal-aħħar ta' ,kull xahar bejn Settembru u Diċembru 2020.

5.16.4. Il-Kunsill qabel li għadu jinkiseb aktar tagħrif.

## 5.17.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020 (F/5)

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ser issir taħt forma differenti, b'mod virtwali, bejn il-11 u l-15 ta' Novembru 2020, fejn il-kotba jkunu jistgħu jinbiegħu onlajn. Hija qalet li l-ħlas tal-parteċipazzjoni huwa ta' €230.

5.17.3. Il-Kunsill ħa nota u qal li għandu jtenni l-parteċipazzjoni tiegħu.

## 5.18.1. Bejta tal-fkieren fil-Bajja tal-Għadira (A/4/5/Vol II)

5.18.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rriferiet għall-għassa lejl u nhar, li qed tiġi kordinata minn Nature Trust, mal-bajt tal-fkieren fir-ramla tal-Għadira. Sar appell sabiex jiġu riżervati żewġ spazji għall-vetturi tal-voluntieri, qrib ir-*roundabout* ta' quddiem l-Għassa tal-Pulizija. Sar appell sabiex fil-festa tal-Vitorja ma jsirx sparar ta' murtali tal-bomba, li l-ħoss tagħhom jaffettwa b'mod negattiv lill-fkieren. Is-Sinjura A. Brincat Stellini kellmet lil diriġent tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina.

5.18.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex jiġu allokati l-ispazji mitluba.

## 6.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar illi tgħid:

***"Billi l-banek kummerċjali mhumiex qed jaċċettaw id-depożitu ta' flus f'kontanti miġbura mill-Kunsill f'isem entitajiet pubbliċi bħalma huma id-Dipartiment tal-Kummerċ, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, l-Awtorità tal-Artijiet; Transport Malta, u t-Traffic Management System; u***

***Billi l-Artiklu 19 tar-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Finanzi) (L.S. 363.01) jippermettu l-ftuħ ta' kontijiet bankarji;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandha ssir talba lil Bank of Valletta plc sabiex jiftaħ kont bankarju bl-isem "Mellieħa Local Council – Other Entities Account" bil-għan li jiġu ddepożitati u trasferiti flus li jappartjenu lill-entitajiet imsemmija***
***(B/1/Vol II)***

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

***"Billi fl-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) għas-sena finanzjarja 2019, mibgħuta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ġie osservat li hemm kontijiet li ntbagħtu diversi snin ilu u għadhom jidhru fuq il-kotba li huma:***

| *Sena* | *Kreditur* | *Servizz* | *Ammont* |
|---|---|---|---|
| ***2013*** | ***Euro Clean Waste Serices*** | ***Tindif ta' toroq urbani*** | ***€12,096.67*** |
| ***2013*** | ***Malta Fairs & Conventions Centre Ltd*** | ***Kiri ta' tagħmir – Milied Mellieħi 2012*** | ***€1,040.76*** |
| ***2014*** | ***GeoMatrix Surveing*** | ***Survey topografiku*** | ***€619.50*** |

***Billi l-udituri nnutaw ukoll li hemm kontijiet illi jammontaw €7,545.49 li nħarġu mill-Kunsill lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qabel Marzu 2013, dwar tiswijiet ta' trinek li saru sabiex jingħataw servizzi, liema ammonti baqgħu ma ġewx onorati;***

***Billi l-udituri kkummentaw li għadda żmien biżżejjed sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'jsir minnhom;***

***Fid-dawl tal-fatt li l-kredituri msemmija ma baqgħux jinsistu fuq l-ammonti ndikati, filwaqt li d-debitu dovut ma jidhirx li ser jitħallas, il-Kunsill jirriżolvi li ċ-ċifri msemmija jinqatgħu minn fuq il-kotba. (B/1/Vol II)***

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

**8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

***"Billi l-kuntratt li jipprovdi għal servizz ta' Contracts Management u Servizzi Anċillari skada u għalhekk saret sejħa għall-offerti (MLC 2/2020) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-Rapport ta' Evalwazzjoni datat 14 ta'Awwissu 2020; u;***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2020 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3120;***

***Jirriżolvi illi għandha tiġi addottata r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni u għalhekk tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u sussegwentement jiġi iffirmat il-kuntratt relattiv ma' Yama Yami Ltd, għal perjodu ta' erba' (4) snin b'effett mill-1 ta' Settembru 2020, bir-rata annwali ikkwotata fid-dokument tal-offerta relattiv.". (K/6/5/2)***

8.2. Ġie spjegat li l-inqas offerta ġiet meqjusa mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni bħala mhux eliġibbli abbażi tal-kwalifiki tal-offerent. Meta l-Kumitat mar fuq it-tieni l-inqas offerta rriżulta mill-kjarifiki li ntalbu li l-offerent ma kienx dispost li jsegwi l-pjan tax-xogħol indikat fid-dokument tal-offerta. Fl-evalwazzjoni tat-tielet inqas offerta, dik ta' Yama Yami Ltd, irriżulta li din issodifat il-kriterji kollha, inkluż f'dawk li huma kwalifiki, u disponibiltà tal-offerent li jsegwi l-pjan tax-xogħol stabbilit.

8.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini.

**9.1. Sejħa għall-Offerti MLC 3/2020 - Bdil ta' *outdoor gym equipment* u *rubber flooring* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

9.2. Fil-bidu tad-diskussjoni il-Viċi Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier K. Buttigieg irtiraw mis-seduta fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet li għamlu fis-Seduta Nru. 15 tat-30 ta' Ġunju 2020.

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm għaxar offerti minn sitt operaturi ekonomiċi differenti. Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni ra l-offerti kollha flimkien ma' rapport tekniku sottomess mill-*Contracts Manager*, u rriżulta li:

- Ħames offerti ma ssodisfawx il-kriterji dwar il-perjodu tal-garanzija;
- Tlieta ma ssottomettewx dettalji tal-prodotti offruti, ċari biżżejjed, li jindikaw konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta; u
- Offerent ieħor li ma kellux l-*items* kollha indikati li huma addattati sabiex jintużaw ukoll minn persuni b'diżabilità. Dan minkejja li r-rapport tekniku kien jindika mod ieħor, liema rapport ġie rivedut mill-perit f'dan ir-rigward, wara li ntalbet *evaluation clarification* mill-Kumitat.

9.4. Kif jirriżulta mill-minuti tal-Kumitat u r-Rapport tal-Evalwazzjoni, l-uniku offerent li ssodisfa l-kriterji kollha, huwa Gokker Ltd, li ssottometta t-tielet inqas offerta finanzjarja - €19,716 (mingħajr il-V.A.T.).

9.5. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra ta' intenzjoni lill-offerent Gokker Ltd.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 14 ta' Awwissu 2020.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn id-9 ta' Ġunju u l-24 ta' Lulju 2020;

10.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-20 ta' Lulju u 14 ta' Awwissu 2020.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri, is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u kien hemm qbil li tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 17 ta' Settembru 2020 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |